**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Charlot Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru: 216/14**

**Illum, tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Charlot Farrugia detentur tal-karta tal-identità numru 506784M u -Omissis- akkuzati talli:

B'diversi atti maghmulin minnhom; ukoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmula b'resoluzzjoni wahda.

1. Talli f'okkazjonijiet diversi fi granet u hinijiet differenti bejn it-2 u t-12 ta' Awwissu 2013 gewwa dawn il-gzejjer; fl-inhawi mgharufa bhala Sa Maison; ikkommettew serq ta' *Fuel* minn fuq diversi vetturi ghad-dannu ta' John Cauchi u/jew persuni ohra. Art. 270, 271(g), 263(a), 264(1) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli f'okkazjonijiet diversi fi granet u hinijiet differenti bejn l-14 u d-19 ta' Awwissu 2013 gewwa dawn il-gzejjer; fl-inhawi mgharufa bhala Sa Maison; ikkommettew serq ta' *Fuel* minn fuq diversi vetturi ghad-dannu ta' Emanuel Caruana u/jew persuni ohra. Art. 270, 271(g), 263(a), 264(1) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli nhar il-25 ta' Frar 2014 ghall-habta ta 21:00hrs, gewwa dawn il-gzejjer fl-inhawi mgharufa bhala Sa Maison; bil hsieb li jikkommettu serq ta Diesel minn fuq Vettura tal-Ghamla Leyland bin-Numru ta Registrazzjoni BBF-986 ghad-dannu

ta' Emanuel Caruana u jew Persuna/i ohra, sgassaw il-katnazz u tellghu xi *fuel* mill-istess vettura u liema serq ma giex esegwit minhabba xihaga accidentali u indipendenti mill-volonta takhom u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-hin, bix-xorti tal-haga misruqa u bil-mezz skond Art. 270, 271(g), 263(a), 264(1) u 41(1)(a) tal-Kap 9. Tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Talli f' xi żmien matul Jannar jew Frar tas-sena 2014 min gewwa dawn il-gzejjer fl-inhawi mgharufa bhala Hal-Far; ikkommettew serq ta' *fuel* min fuq kontejner li jappartjeni lil persuna/I mhux mgharufa bi hsara ghall-Art. 270, 271(g), 263(a), 264(1) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Kif ukoll talli f'dawn ic-cirkustanzi rendew rwiehhom recidivisti skond sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma tistghux jigu mhassra jew mibdula u dan bi ksur tal Art. 49, 59 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil -Omissis-

6. -Omissis-

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat li d-difiza nghatat zmien sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjoni taghha izda baqghet inadempjenti;

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi dawn il-proceduri huma karatterizzati minn nuqqas serju ta' provi li setghu facilment iwasslu ghal kolpevolezza tal-imputat Charlot Farrugia izda minflok dak li ngab huma biss ir-rapporti varji li saru mal-pulizija minn persuni li gew derubati u li gew kkonfermati bil-gurament mill-ufficjali tal-pulizija li dahhlu dawn ir-rapporti.

Illi minn imkien ma ttellghu l-persuni derubati sabiex jikkonfermaw ir-rapporti taghhom. Kulma hemm fil-proceduri hija xhieda ta' pulizija senjatament ta' PC294 Robert Ebejer li kien gharaf lill-imputat -Omissis- fuq ix-xena tar-reat izda li dan gie nieqes fil-mori ta' dawn il-proceduri u ghalhekk ma kienx hemm cans lanqas jirregola ruhu fuq l-akkuzi u forsi jkun jista' jixhed fil-konfront tal-akkuzat odjern fil-kaz ta' ammissjoni.

Dan qed jinghad ghaliex fl-istqarrija tal-imputat -Omissis-, dan kien ammetta kollox u kien hu li semma' lill-imputat Charlot Farrugia bhala komplici f'dawn ir-reati. Illi l-istess Farrugia, meta gie arrestat u interrogat fil-bidu qisu ammetta certu reati izda sussegwentement, meta affaccjat b'reati ohra simili, beda jhawwad u daqqa jghid li mhux veru u daqqa jghid illi hu kien.

Illi din il-Qorti tosserva illi dawn l-istqarrijiet gew maghmula fl-elfejn u erbatax (2014) u cioè meta dak iz-zmien persuna arrestata kellha biss id-dritt li tikkonsulta ma' avukat ta' fiducja taghha qabel l-interrogazzjoni u mhux wara. B'dan inghad però, ghalkemm din il-Qorti minn dejjem kienet tosserva l-principjji tal-kawzi tal-Qorti Ewropea **Farrugia v. Malta**, kif sussegwentement ikkonfermati mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi **Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** (22/06/23) u **Emanuele Spagnol v. Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija** (31/05/23), dan il-kaz huwa differenti ghaliex fl-ewwel lok ma ngabet l-ebda tip ta' prova l-anqas wahda cirkostanzjali tal-involviment tal-imputat f'dawn ir-reati, u fit-tieni lok l-istqarrijiet tieghu ma joffrux l-ebda serhan tal-mohh li l-imputat ma kienx f'qaghda vulnerabbli f'dak il-mument bhal taht l-influwenza ta' drogi jew xort'ohra. Inoltre' iz-zewg stqarrijiet tieghu ma kinux konsistenti u ghalhekk kif tista' din il-Qorti tiskarta partijiet minnha u tiddeciedi li tapplika partijiet ohra.

Illi di piu' l-anqas is-sentenza pprezentata mill-ufficjal prosekutur nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru elfejn u sittax (2016) (Dok. SB20) ma gietx ikkonfermata bhala wahda li giet definittiva.

**IKKUNSIDRAT**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tipprova l-kaz taghha oltre' d-dubju dettat mil-ligi. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of*

*course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Ghal dawn il-motivi u invista tal-kunsiderazzjonijiet f'din is-sentenza ma tistax issib lill-imputat Charlot Farrugia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kwindi tilliberah minn kull osservanza.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**